MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tas-7 ta' April, 2015

Numru. 1183/2011

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**ANTHONY BEZZINA**

**KUMP NRU 1183/2011**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat**, ANTHONY BEZZINA** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 655852(M), gie akkuzat talli f'Lulju 2011 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi urejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u ċioe' s-somma ta' **€2,962.00**, għad-detriment ta' Thomas k/a Tony Cortis detentur tal-karta ta' l-identita' numru 601658(M), ai termini ta' l-artikoli **18, 308, 309 u 310** tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi approprjajt ruħek, billi dawwart bi profit għalik jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilek taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioe' frott u ħaxix li għandhom valur ta' **€2,962.00**, għad-detriment ta' Thomas k/a Tony Cortis detentur tal-karta ta' l-identita' numru 601658(M), ai termini ta' l-artikoli **293 u 294** tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Aktar talli sirt reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, ai terminu ta' l-artikoli **49 u 50** tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli **532A, 532B u 533** tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat partikolarment il-verbal tas-seduta ta` llum stess fejn l-ufficjal prosekutur iddikjara li r-reati taht l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta inghataw bhala alternattivi ghar-reat migjub taht l-Artikolu 293 tal-Kap 9. U iddikjara wkoll li mill-investigazzjonijiet minnu kondotti ma kienux jirrizultawlu l-estremi tad-dispozizzjonijiet ta` l-Artikolu 294 tal-Kap 9 ;

Rat li, fl-udjenza ta’ llum 7 ta’ April 2015, wara l-qari ta` l-imputazzjonijiet bil-gurament, saret l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjoni numru (2) u limitatament ghar-reat migjub fl-Artikolu 293 tal-Kap 9, u dana anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukat Difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni kif fuq indikata, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni kif migjuba taht l-Artikolu 293 giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati skond il-ligi.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali xejn ezemplari ta` l-imputat;
b. l-ammissjoni bikrija ta` l-imputat li, ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f’dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b’din is-sentenza;
c. il-fatt li, kif jinsab verbalizzat fl-atti (ara *a folio* 32), l-imputat hallas dak kollu dovut lil Anthony Thomas Cortis;

Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reat taht l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif migjub kontra l-hati huwa serju, u, hlief ghal dawk il-kawzi b'cirkostanzi specjali, jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija, aktar u aktar meta l-hati ikun recidiv, kif inhu f'dan il-kaz.

**Konkluzjoni;**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 294, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, taqta u tiddeciedi billi :

a. issib lill-imputat mhux hati ta` l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah skond il-ligi;
b. issib lill-imputat hati, bhala recidiv, tat-tieni imputazzjoni, limitatament biss ghall-Artikolu 293 tal-Kap 9; u konsegwentement :

**TIKKUNDANNA LILL-HATI ANTHONY BEZZINA GHALL-PIENA KOMPLESSIVA TA` SITT (6) XHUR PRIGUNERIJA.**

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni ghall-applikazzjoni tad-dispost ta` l-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta stante li ma jezistux l-estremi ghal tali applikazzjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------